MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 4/2008

Ghasan Kaseb u Adal Kaseb u Abouzidan Nadim f’isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ binhom minuri Rayan Abou Zidan u b’nota ta’ l-1 ta’ Frar, 2011 Ghasan Kaseb assuma l-atti ta’ Adal Kaseb, Nadim Abou Zidan u binhom minuri Rayan Abou Zidan assenti mill-pajjiz

vs

Il-Prim Ministru, il-Ministru ghall-Gustizzja, is-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, il-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Expatriates, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Ufficjal Principali ghall-Imigrazzjoni u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi r-rikorrenti Ghasan Kaseb kien stabbilixxa r-residenza tieghu f'dawn il-Gzejjer fl-1997 u fil-fatt, anke kien izzewweg mara ta' nazzjonalita` Maltija.

Illi huwa fil-fatt sar cittadin Malti fis-sena 2002.

Illi gewwa s-Sirja huwa kellu diversi wlied u fil-fatt, erbgha minnhom, u cioe` Adal Kaseb, Nader Kaseb, Maher Kaseb, Thear Kaseb illum jghixu f'dawn il-Gzejjer ukoll.

Illi Adal Kaseb kienet giet f'dawn il-Gzejjer f'Marzu tas-sena 2007, Nader Kaseb kien wasal f'dawn il-Gzejjer f'Settembru tas-sena 2005, Maher Kaseb wasal f'dawn il-Gzejjer f'Gunju tas-sena 2007, u Thear Kaseb wasal f'dawn il-Gzejjer ghall-habta ta' Jannar 2004.

Illi fil-fatt Nader Kaseb, Adel Kaseb u Maher Kaseb ilkoll inghataw *freedom of movement* immedjatament mal-wasla taghhom, u sal-lum huma kollha dipendenti tar-rikorrenti Ghasan Kaseb, illi huwa direttur tal-kumpanija Al Hayfaa Ltd. Thear Kaseb qieghed Malta legalment stante li qieghed isegwi kors ta' studju gewwa l-Universita` ta' Malta.
Illi fil-fatt, ir-rikorrenti kien gie mgharraf permezz ta' ittra datata 7 ta' Dicembru 2006 mis-Sur Mizzi ghan-nom tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-*Expartriates*, illi bintu Adal Kaseb kellha titlaq minn dawn il-Gzejjer gheluq il-wiehed u ghoxrin sena taghha u cioe` nhar is-16 ta' Marzu tas-sena 2007.

Illi fil-frattemp Adal Kaseb kellha tarbija bl-isem ta' Rayan Abouzidan.

Illi konsegwenza ta' dan, Adal Kaseb u zewgha Abouzidan Nadim applikaw ghal permess ta' residenza mal-istess Dipartiment. Hemmhekk kien gew infurmati li kienet ser tintbaghtilhom risposta aktar tard. Minkejja li kienu ccekkjaw darbtejn mad-Dipartiment, ir-rikorrenti ma kien irrizultalhom ebda risposta.

Illi lejliet il-Milied tas-sena 2007, ir-rikorrent Ghasan Kaseb kien gie infurmat permezz ta' telefonata mid-Dipartiment

tac-Cittadinanza u l-Expatriates illi huwa kellu jaqta' biljett ta' l-ajru ghal bintu Adel, zewgha Abouzidan Nadim, u binhom minuri Rayan, illi twieled hawn Malta, u jibghathom lura lejn is-Sirja.

Illi mistoqsi f'diversi okkazjonijiet sabiex jirreduci din l-ordni bil-miktub, l-ufficjal inkarigat mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-*Expatriates* irrifjuta u minflok beda jhedded illi kien ser jitlob lill-Pulizija tat-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni sabiex jiddeportawhom.

Illi minn lejliet il-Milied 'l hawn ir-rikorrenti Ghasan Kaseb ircieva diversi telefonati ohra mid-Dipartiment hawn fuq imsemmi bl-ahhar ordni tkun illi r-rikorrent imur bil-biljetti ta' l-arju ta' bintu, zewgha u binhom id-Dipartiment halli jigi verifikat meta dawn ser jitilqu minn dawn il-Gzejjer flok ma jigu deportati. Fil-fatt ir-rikorrenti attenda wkoll personalment gewwa d-Dipatiment tac-Cittadinanza u ta' l-*Expatriates*, u l-bierah stess inghata sal-lum 9 ta' Jannar 2008 sabiex jehdilhom il-biljetti ta' l-ajru ta' bintu, zewgha u binhom bhala evidenza li dawn kienu ser jitilqu mill-pajjiz.

Illi bir-rispett kollu din mhijiex politika idoneja u konformi mad-dritt fundamentali ghall-familja, u hija ksur lampanti ta' l-Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, illi japplika mhux biss ghal cittadini Maltin imma anke ghal persuni li jkunu jinsabu fil-pajjiz.

Illi di piu`, lanqas ma hi legalment korretta l-ordni verbali, sabiex ir-rikorrenti Adel Kaseb u Abouzidan Nadim akkumpanjati minn binhom jigu sfurzati jitilqu mill-pajjiz, mhux biss ghaliex din l-ordni mhix qed tinghata bil-miktub sabiex ma tkunx tista' tigi rintraccata, imma anke ghaliex l-Artikolu 4(1)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid illi r-Raba' Parti ta' l-istess Kap mhijiex applikabbli.

Illi din l-ordni tmur ukoll kontra Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* illi tiddiskrimina kontra wlied ta' cittadin Malti minhabba l-post ta' l-origini taghhom.

Illi di piu`, din l-ordni mhix ragjonalment rikjesta f'xi interess ta' difiza nazzjonali, ordni pubblika, moralita` jew decenza pubblika, jew sahha pubblika, u lanqas ma tista' tkun ragonevolment gustifiakbbli fi stat demokratiku.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

Tiddikjara l-agir ta' l-istat Malti fil-konfront tieghu u ta' bintu nomine bhala wiehed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni, tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Tiddikjara l-ordni ghat-tluq tar-rikorrenti Adal Kaseb, Nadim Abouzidan u binhom Rayan Abouzidan bhala nulla u bla effett;

Tordna li r-rikorrenti jigu remunerati ghal danni inkluz dawk morali konsegwenza ta' dan l-agir; u

Taghti kwalunkwe` provvediment iehor illi thoss necessarju.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Permezz ta' nota tat-13 ta' Frar 2008 (fol 32), ir-rikorrenti issottomettew li l-bazi tat-talbiet taghhom kienu l-artikolu 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba diskriminazzjoni dwar il-post ta' l-origini u l-artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 minhabba diskriminazzjoni minhabba l-origini nazzjonali.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, is-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, il-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-*Expatriates*, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Ufficjal Principali ghall-Immigrazzjoni u l-Avukat Generali li esponew:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikors promutur hu frivolu, vessatorju u kien qieghed isir b'abbuz tal-process gudizzjarju stante li huwa intiz unikament sabiex ir-rikorrenti Adal Kaseb, Abouzidan Nadim u binhom akkost ta' kollox jiggwadanjaw aktar zmien biex jibqghu Malta minghajr ebda raguni valida fil-ligi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari l-inapplikabilita` ta' l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li dan l-Artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet umani kif inhu wara kollox l-ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk ma jistax jigi invokat. Hija l-Kostituzzjoni stess li fl-Artikolu 46(1) teskludih meta tipprovdi ghall-possibilita` ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur biss ta' l-Artikoli 33 sa 45.

3. Illi fit-tielet lok u wkoll in linea preliminari r-rikorrenti ghamlu biss referenza ghal allegat ksur tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan minghajr ma specifikaw Artikolu jew Artikoli specifici li fuqhom qed jibbazaw it-talbiet taghhom. Ghandhom ghalhekk l-istess rikorrenti jiddikjaraw minnufih il-pozizzjoni taghhom f'dan ir-rigward, filwaqt li in vista ta' dan l-intimati irriservaw minn issa d-dritt li jressqu risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

4. Illi fir-raba' lok u wkoll in linea preliminari l-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, is-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, u l-Avukat Generali mhumiex legittimi kontraditturi fil-kaz odjern *stante* li l-fattispece tal-kaz odjern ma jiffigurawx fil-mansjonijiet gornaljieri taghhom oltre l-fatt li ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jistghu jirrispondu adegwatament l-intimati l-ohra.

5. Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, Adal Kaseb ma tistax titqies bhala persuna dipendenti fuq

missierha ghal finijiet tal-ligijiet ta’ Malta *stante* li hija mizzewga. Huwa rilevanti li jigi ccarat minn issa li l-unika raguni ghalfejn hija kienet inghatat il-*freedom of movement* gewwa Malta kien ghax ir-rikorrenti missierha Ghasan Kaseb, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, kien naqas li jizvela dan il-fatt taz-zwieg ta’ bintu mad-Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates.

7. Illi pero` minkejja li dan l-istat ta’ fatt ma kienx jirrendiha eligibbli ghal *freedom of movement* kien jintitolaha ghal akkwist ta’ *Visa* temporanja sabiex hija tkun tista’ zzur lil missierha fuq btala.

8. Illi effettivament Adal Kaseb u zewgha Abouzidan Nadim inghataw *Visa* mill-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni wara li hi u zewgha pproducew diversi provi dokumentarji li juru li l-koppja kellhom kull intenzjoni li jirritornaw lejn is-Sirja wara l-iskadenza tal-*Visa* fl-10 ta’ Mejju 2007.

9. Illi minhabba li fil-frattemp Adal Kaseb kienet tqila u allegatament ma setghetx tivvjagga, l-intimati laqghu t-talba taghha u ta’ zewgha ghal permess ta’ residenza temporanja ghal finijiet biss sakemm titwieled it-tarbija.

10. Illi pero` meta twieldet it-tarbija, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim infurmaw lill-intimati bil-miktub li bit-twelid tat-tarbija huma kienu stabbilew id-dritt ta’ ‘*family life*’ gewwa Malta;

11. Illi minkejja li l-intimati Direttur tac-Cittadinanza ta lir-rikorrenti Adal Kaseb u Abouzidan Nadim diversi opportunitajiet sabiex huma jindikaw meta kien behsiebhom jitilqu minn Malta huma ma ottemprawx ruhhom.

12. Illi l-fatti suesposti huma biss ftit mill-hafna li jxejnu l-verzjoni tar-rikorrenti dwar dak li gara partikolarment dwar l-agir tal-awtorijtajiet fil-konfront taghhom li fir-realta` hu ferm il-boghod minn dak allegat mir-rikorrenti kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

13. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti dwar l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-intimati jirribattu li ma jista' jinstab ebda ksur ta' dan l-Artikolu *stante* li l-intimati mhux talli ma ddiskriminawx mal-istess rikorrenti a bazi ta' post ta' origini talli *di buona grazia* tawhom cans wara l-iehor li jirregolarazzaw il-posizzjoni taghhom. Adal u Abouzidan thallew jibqghu Malta minhabba kumplikazzjoni li kellha fit-tqala, u sahanistra ghal xhur shah wara t-twelid tat-tarbija tawhom ic-cans kollu biex jaghmlu l-arrangamenti bil-kumdita` kollha sabiex jottjenu l-biljetti ta' l-ajru biex jirritornaw lejn is-Sirja. Kien biss wara hafna nuqqas ta' koperazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-intimati ma kien fadlilhom ebda alternattiva hlief li jaghtuhom *ultimatum* biex jindikaw perjodu meta huma kienu bi hsiebhom jitilqu minn Malta.

14. Illi bla pregudizzju ghat tielet eccezjoni preliminari tal-intimati, jekk ir-rikorrenti ghandhom f'mohhhom jissollevaw l-allegat ksur ta' Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif indikaw fir-rikors ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni (Nru 26/08) fl-ismijiet premessi u prezentat kontestwalment mar-rikors in risposta, allura l-intimati jirribattu li fir-rigward ta' l-Artikolu 8 preliminarjament l-obbligu ta' l-istat huwa li jirrispetta l-*family life* – hadd m'ghandu dritt jippretendi li jistabbilixxi *family life* f'xi gurisdizzjoni partikolari. L-istess konvenzjoni lanqas ma tipprotegi d-dritt li wiehed jghix go Stat membru partikolari kif qed jippretendu r-rikorrenti Adal Kaseb u zewgha Abouzidan Nadim flimkien ma' binhom. Il-fatt li hi u zewgha huma cittadini Sirjani u jghixu s-Sirja ma joholqilhom ebda impediment legittimu biex jezercitaw *family life* ma' missierha gewwa Malta u dan billi huma jistghu jigu jzuruh Malta ghal btala u l-istess Ghasan Kaseb jista' jzurhom gewwa s-Sirja liberament u regolarment. Adal Kaseb hija mizzewga u dejjem ghexet is-Sirja. Ma tistax tippretendi li hi u zewgha u binha ghandhom id-dritt li jibqghu Malta ghax missierha ghazel li jibqa' jghix Malta wara li ssepara minn ma' martu Maltija.

15. Illi inoltre ghall-finijiet ta' l-Artikolu 8 ir-rikorrent Adal, zewgha u binha m'ghandhomx *a long and well established family life* gewwa Malta. Dan ghaliex huma

ilhom Malta b'kollox fit xhur biss u minn dokumenti u provi li ipproducew lill-intimati huma ghall-kuntrarju ghandhom '*a well established family life*' gewwa s-Sirja. B'hekk lanqas taht dan l-aspett ma jista' jirrizulta ksur ta' dan l-Artikolu.

16. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kellu jinstab li kien hemm xi interferenza da parti ta' l-awtorijtajiet fl-ezercizzju ta' dan id-dritt, din l-istess interferenza hija gustifikata u skond il-ligi a tenur ta' Subartikolu 2 ta' l-Artikolu 8.

17. Illi inoltre dwar Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jista' jinstab ebda ksur tieghu ghall-istess ragunijiet li nghataw mill-intimati fil-kuntest tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Irrizulta mill-verbal tat-22 ta' Jannar 2008 li r-rikorrenti Ghasan Kaseb kien u ghadu mizzewweg ma' Imelda Mifsud, mara ta' Nazzjonalita` Maltija, in segwitu taz-zwieg tas-16 ta' Awissu 1997. Izda hemm separazzjoni bejniethom fl-10 ta' Ottubru 2002 u li Ghasab Kaseb ottjena c-cittadinanza Maltija f'Mejju 2002.

Irrizulta wkoll li Ghasan Kaseb kellu t-tfal minn zwieg precedenti ma' mara Sirjana u li erbgha minnhom jinsabu Malta.

Dr. Sciberras ghall-intimati ivverbalizzat li d-Dipartiment ma kienx jaf dwar il-fatt li Adal Kaseb kienet izzewget.

Inoltre gie dikjarat li Nader Kaseb kellu *freedom of movement* sakemm jaghlaq 21 sena u ghalhekk jista' jibqa' Malta sat-28 ta' Mejju 2010.

Dwar Thaer Kaseb, dan kellu dritt jibqa' Malta sas-7 ta' Ottubru 2004, izda b'*endorsement*, iz-zmien gie estiz sal-31 ta' Lulju 2008.

Dwar Maher Kaseb, dan seta' jibqa' Malta sat-8 ta' Ottubru 2001 u dwar Adal Kaseb, kellha l-*freedom of movement* sas-16 ta' Marzu 2007. Dan il-*freedom of movement* kien inghata ghax ma kenitx saret id-dikjarazzjoni li Adal kienet mizzewga, liema stat ta' fatt ma kienx jirrendiha aktar eligibbli ghall-*freedom of movement*.

Gie prezentat affidavit ta' Ghasan Kaseb li fih issemma li hu ghandu erbat itfal Sirjani minn zwieg precedenti ma' mara ta' Nazzjonalita` Sirjana li bhalissa jinsabu Malta. Iz-zwieg tieghu ma' Imelda Mifsud sfaxxa u ghalhekk xtaq lil uliedu mieghu. Dawn inghataw il-*freedom of movement*. Sostna li uliedu kollha dahlu fil-pajjiz b'mod legali. Zied li Adal kienet tqila u nqalghulha xi kumplikazzjonijiet u ma setghetx titlaq mill-pajjiz. Kienet in segwitu skadiet il-*visa* ta' bintu u zewgha u kien baghat ghalih l-Ispettur Haber. Semma d-diversi inkontri li kellu ma' ufficjali tal-Pulizija kif ukoll tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriates*.

Gie prezentat affidavit ta' Lorenza Bugeja fejn fih semmiet li saret taf lil Ghasan Kaseb madwar 12-il sena qabel u baqghu hbieb u fl-2002, wara li hu kien akkwista c-cittadinanza, kienu iffurmaw kumpanija bl-isem ta' Al Hayfaa Ltd, li kienet tispecjalizza f'kisi, irham u muzajk. Ghasan Kaseb issepara f'Ottubru 2002. Semmiet li kienu gew uliedu Malta, kif ukoll dwar il-problemi li kellu biex dawn ikunu jistghu joqghodu Malta.

Gie prezentat affidavit ta' Adal Kaseb bint Ghasan Kaseb minn zwieg precedenti fis-Sirja. Semmiet li meta kien gie Malta fl-1997 ma kenitx giet mieghu ghax kienet ghadha zghira, ta' 11-il sena. Peress li wara s-separazzjoni ma xtaqx jibqa' wahdu, xtaq lill-familja tieghu tigi hawn.

Semmiet li kienet tqila u welldet tifel bl-isem ta’ Rayan u semmiet il-problemi mad-Dipartiment tac-Cittadinanza.

Gie prezentat affidavit ta’ Nadim Abou Zidan, iben Ghasan, u semma kif gew Malta u l-problemi li kellhom mad-Dipartiment tac-Cittadinanza.

Gie prezentat affidavit ta’ Joseph Mizzi, Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza fejn fih semma li kien involut direttament fil-kaz odjern. Ghasan Kaseb izzewweg cittadina Maltija fl-1997, u applika ghac-cittadinanza Maltija tliet xhur wara, liema cittadinanza ottjeniha f’Mejju 2002, izda f’Ottubru 2002 kien issepara. F’Awissu 2004 ir-rikorrent kien ghamel talba ghall-*freedom of movement* ta’ ibnu Thaer, liema talba giet milqugha mid-Dipartiment li tah dan il-*freedom of movement* sakem jaghlaq 21 sena. It-talba biex dan jahdem bhala interpretu giet rifjutata. Wara, ir-rikorrenti talab *freedom of movement* ghal ibnu iehor Nader, li wkoll inghata *freedom of movement* sa 21 sena. F’Lulju 2006 ir-rikorrent talab *freedom of movement* ghal uliedu Adal Kaseb, Maher Kaseb u Helen Kaseb u nghataw il-*freedom of movement* izda kellhom ihallu dawn il-Gzejjer malli jaghlqu l-21 sena. Ir-rikorrent kien naqas li jizvela li Adal Kaseb kienet mizzewga, u ghalhekk il-*freedom of movement* li hareg kien erroneju, ghax ma kenitx persuna dipendenti fuq missierha. Kien hass li Ghasan Kaseb kien qed jaghmel minn kollox biex bintu tibqa’ Malta, u fil-fatt kien ipprezentalu certifikat dwar kumplikazzjonijiet fit-tqala u li ma setghetx tivvjagga, izda dan ic-certifikat ma kienx ta’ ginekologu u anqas kien hemm indikazzjoni tal-kumplikazzjonijiet, izda xorta thalliet tibqa’ Malta sakemm twelled. Wara t-twelid tat-tarbija, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim infurmawh bil-miktub li huma stabbilew bit-tarbija l-familja f’Malta, izda peress li hass li kien ghadda zmien sufficjenti cemplilhom u qalilhom biex jitilqu minn Malta, u li fin-nuqqas kien ser jirrapporta lill-awtoritajiet ta’ l-immigrazzjoni tal-Pulizija. Ipprezenta wkoll numru ta’ dokumenti.

Meta xehed, qal li l-elementi tal-*freedom of movement* a tenur ta’ l-*Immigration Act*, Kap 217, hija li persuna ghandha dritt toqghod hawn u tirrisjedi. Eligibbli huma

cittadini Maltin u konjugi u tfal tagghhom taht il-21 sena. Il-*free movement* ta' cittadini Ewropej huwa regolat ukoll mill-*Acqui Comunitaire*. Jekk wiehed m'ghandux biex imantni lilu nnifsu ma jistax joqghod Malta ghax ikun *unreasonable burden on the State*.

Gie prezentat affidavit ta' l-Ispettur Mario Haber, assenjat fl-*Immigration Section*, u semma li kellu informazzjoni mid-Dipartiment tac-Cittadinanza li Adal Kaseb setghet toqghod Malta sakemm taghlaq il-21 sena, izda peress li kienet mizzewga, ma kenitx aktar dipendenti fuq missierha. Kienet saret applikazzjoni ghall-estensjoni tal-visa ta' Nadim Abouzidan u Adal Kaseb izda din l-applikazzjoni giet rifjutata.

Xehdet Imelda Kaseb u semmiet li hi xebba kunjomha Mifsud. Kienet izzewget lil Ghasan Kaseb fl-1997 u kienet saret tafu xi sentejn qabel. Ma qablux u isseparaw. Hi qatt ma rat lit-tfal tieghu u saret taf bihom wara li zzewgu. Saret taf min-nies u mhux minghandu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-Kaz:***

Ir-rikorrent kien izzewweg cittadina Maltija fl-1997, u applika ghac-cittadinanza Maltija tliet xhur wara, liema cittadinanza ottjeniha f'Mejju 2002, izda f'Ottubru 2002 kien issepara.

- F'Awissu 2004 ir-rikorrent kien ghamel talba ghall-*freedom of movement* ta' ibnu Thaer, liema talba giet milqugha mid-Dipartiment li tah dan il-*freedom of movement* sakemm jaghlaq 21 sena.
- Talab ukoll il-*freedom of movement* ghal ibnu iehor Nader, li wkoll inghata *freedom of movement* sa 21 sena.
- Talab ukoll f'Lulju 2006 il- *freedom of movement* ghal uliedu Adal Kaseb, Maher Kaseb u Helen Kaseb u nghataw il-*freedom of movement* izda kellhom ihallu dawn il-Gzejjer malli jaghlqu l-21 sena.

Ir-rikorrent kien naqas li jizvela li Adal Kaseb kienet mizzewga. Kien ipprezenta certifikat dwar

kumplikazzjonijiet fit-tqala ta' bintu u li ma setghetx tivvjagga, u thalliet tibqa' Malta sakemm twelled. Wara t-twelid tat-tarbija, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim infurmaw bil-miktub li huma stabbilew bit-tarbija l-familja f'Malta.

Ghasan Kaseb kien intavola l-proceduri odjerni minhabba li sostna li bhala cittadin Malti kien qieghed jigi mcahhad mid-dritt tieghu li jgawdi lil uliedu stante n-nazzjonalita` Sirjana taghhom. Ghalhekk talab lill-Qorti tiddikjara l-agir ta' l-iStat Malti fil-konfront tieghu u ta' bintu *noe* bhala wiehed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni, tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Talab ukoll li l-Qorti tiddikjara l-ordni ghat-tluq tar-rikorrenti Adal Kaseb, Nadim Abouzidan u binhom Rayan Abouzidan bhala nulla u bla effett; u finalment li tordna li jigu remunerati ghal danni inkluz dawk morali konsegwenza ta' dan l-agir.

***<u>D2. Locus Standi tal-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, tas-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u ta' l-Avukat Generali:</u>***

Gie eccepit li l-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, is-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontraditturi fil-kaz odjern u dan peress li huma ma ghandhom l-ebda mansjoni jew funzjoni relatata mal-kawza odjerna, u peress li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jistghu jirrispondu ghalihom l-intimati l-ohra mharrka f'dan il-kaz.

L-Avukat Generali osserva li ma talabx li tigi impunjata l-validita` ta' xi ligi izda ir-rikors huwa ntiz biss sabiex jigi dikjarat illi l-agir ta' l-intimati allegatament illeda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

L-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:
"(1) Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

(2) “L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”

Issa, fil-kaz in ezami johrog car li d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrijati kif ukoll l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni huma parti mill-kawza, u ghalhekk, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti tirreferi ghal decizjoni taghha kif presjeduta tas-27 ta’ Jannar, 2009 fl-ismijiet **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika** (Rikors Nru. 744/00FS) fejn inghad:
***<u>“L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:</u>***
L-eccezzjoni preliminari ta’ l-Avukat Generali hija li mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante li hu ma jaghti ebda kumpens meta art tkun esproprjata ghal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-Avukat Generali jkun legittimu kontradittur biss meta minhabba n-natura tat-talba ma tkunx tista tigi indirizzata lejn hadd iehor. Fil-kaz odjern jidher li hemm hadd iehor li jista’ jirrispondi u ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

Fil-kawza fl-ismijiet **Brian Vella vs Avukat Generali tar-Republika, Registratur tal-Qorti u Kummissarju tal-Pulizija** (deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-24 ta’ Novembru, 2004) intqal:
"l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f’dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat…”

Izda fl-istess hin jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilta` tal-haga ma jibqax aktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji. Fil-kaz in ezami huwa car u identifikabbli li l-azzjoni hija diretta mis-socjeta` rikorrenti kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-operat tieghu u ghalhekk il-Qorti ssib gustifikata l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li f'dan il-kaz it-talba tista' tigi indirizzata lejn haddiehor biex jirrispondi ghat-talba tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez."

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Gustizzja, lis-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u lill-Avukat Generali.

***D3. Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:***

Ir-rikorrenti talab il-protezzjoni taht l-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk fuq il-bazi tar-rispett tal-hajja privata u familjari. L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikou 32 mhuwiex inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat.

***D4. Kap 319 l-Ewwel Skeda, artikolu 8 – hajja privata:***

Dan l-artikolu jghid hekk :

"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."

Minn dan johrog car l-obbligu ta' l-Istat li jirrispetta l-*family life*, izda bl-istess mod hadd ma jista' jippretendi li jistabbilixxi *family life* fi kwalunkwe gurisdizzjoni li joghogbu. Infatti l-Konvenzjoni ma taghtix id-dritt ghall-*family life* f'xi Stat Membru li joghgobha xi persuna. Inoltre jinghad li r-rikorrenti Adal, zewgha u binha m'ghandhomx *a long and well established family life* gewwa Malta, anzi ghall-kuntrarju, ghandhom *established family life* gewwa s-Sirja. (Ara **Loizidou vs Turkey**, 18/12/1996).

Din il-Qorti fis-sentenza taghha ta' l-20 ta' April, 2009, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet **Hasan Hasan *et* vs Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** qalet hekk:

"Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kaz ta' **Tysiac vs Poland** ta' l-24 ta' Settembru 2007 li jaghmilha cara li kull interferenza trid tkun gustifikata skond it-tieni paragrafu. Huwa ovvju li kull Stat ghandu dritt li jikkontrolla d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija tal-persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu (**Moustaquim vs Belgium**, 1991 – ara wkoll *Van Dijk u Van Hoff: Theory and practice of the European Convention on Human Rights*). Naturalment dan id-dritt ta' l-iStat irid jittiehed fid-dawl tal-hajja privata, u hawnhekk wiehed irid jara jekk tezistix hajja familjari li haqqha l-protezzjoni u jekk l-interferenza hix gustifikata (ara **Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-4 ta' Ottubu 2004).

L-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights**, pagna 313, josservaw illi:

"*It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or*

*having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*".

Infatti fil-kaz ta' **Abdulaziz, Cabalas and Balkandali vs UK, 28 ta' Mejju 1985**, il-Qorti irriteniet illi l-artikolu 8 ma jipprotegix id-dritt ta' individwu li joqghod fi Stat partikolari izda:
*"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country".*
Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma ippruvawx fil-kors tal-kawza *a long and well established family life* gewwa Malta. Infatti ma irrizultax li r-rikorrenti jghixu flimkien, tant li fir-residenza tar-rikorrent Hasan Hasan ma nstab ebda indument femminili.
Fil-kawza fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern *et***, din il-Qorti kif presjeduta, fit-28 ta' Frar 2007 qalet:
"Il-fatt li r-rikorrent kellu tifla minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara b'ebda mod ma jwassal ghal xi dritt tar-rikorrenti biex hu jakkwista c-cittadinanza Maltija. *Family life* kif stabbilita fl-artikolu 8 ma tigix bazata fuq il-fatt li bniedem ikollu tarbija u ma jintitolahx ghal dritt ta' cittadinanza. Il-fatt li huwa jghix ma' mara Bulgara f'Malta u kellu tifla minnha certament ma jwassalx ghad-dritt tac-cittadinanza bazat fuq hajja familjari. Jista' wkoll jistabbilixxi l-*family life* tieghu f'pajjiz iehor. Ara f'dan ir-rigward **Samir El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sede kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2005."

Ukoll, din il-Qorti kif presjeduta, fit-18 ta' Gunju 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Monchef Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija**, qalet:
"Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubblici – Ara "**Gul vs Switzerland**" 19/2/96. Tarbija mwielda fi zwieg hija '*ipso jure*' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid tezisti rabta bejnu w l-genituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "*family life*" – ara **Berrehab vs**

**Netherlands** 21/6/88, u **Hokkanen vs Finland** 23/9/94. Importanti wkoll li wiehed jiftakar li Stat ghandu d-dritt jikkontrolla d-dhul ta' persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu – ara **Abdulaziz et vs United Kingdom** 28/5/85. L-artikolu 8 ma jistax jigi interpretat b'mod li jaghti lill-koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn kien hemm residenza matrimonjali b'mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta' dak l-istat [**Gul vs Switzerland**]. Dan hu wkoll dipendenti fuq it-tip ta' permess li rikorrent jkollu biex joqghod f'pajjiz – e.g. *residence permit on humanitarian grounds, temporary permit*."

F'din l-istess kawza, deciza wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001, intqal:
"Fi kliem iehor, din il-Qorti tqis li jezisti kemm id-dritt ghal hekk imsejha *family life*, kif ukoll id-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga' fit-territorju tieghu. Mill-banda l-ohra, mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta' l-Istat hija vjetata ghaliex jista' jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli."

Ta' min isemmi li fil-kaz fl-ismijiet **Family K and W vs The Netherlands** (Applikazzjoni numru 11278/84) il-Qorti Ewropeja qalet:
*"It is true that no right of an alien to enter or to reside in a particular country, nor a right not to be expelled from a particular country is as such guaranteed by the Convention".*

Ma hemm ebda lezjoni ta' *family life* mill-fatt li Ghasan Kaseb jirrisjedi Malta filwaqt li bintu maggorenni Adal Kaseb tirrisjedi s-Sirja flimkien ma' zewgha u binha. B'ebda mod fil-kors tal-kawza ma gie ippruvat il-*long and well established family life* gewwa Malta. Infatti, gie ippruvat li Adal Kaseb u zewgha Abouzidan Nadim huma cittadini tas-Sirja fejn Abouzidan Nadim ghandu proprjeta` u xoghol u fejn jghixu wkoll il-maggjoranza tal-familjari ta' Abouzidan Nadim u fejn tirrisjedi omm Adal Kaseb. Ukoll, ulied Ghasan Kaseb jistghu jigu jzuruh f'Malta ghal btala u

l-istess Ghasan Kaseb jista' jzurhom gewwa s-Sirja liberament u b'mod regolari wara l-hrug ta' Visa temporanja sabiex hija tkun tista' zzur lil missierha fuq btala. Mill-provi irrizulta li Adal Kaseb twieldet, dejjem ghexet u zzewget fis-Sirja u kien fis-sena 2007 li giet l-ewwel darba f'Malta flimkien ma' zewgha u dan meta missierha kien ilu li telaq mis-Sirja fis-sena 1997.

Minhabba dan il-Qorti m'hi qed issib ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk din it-talba tar-rikorrenti bazata fuq l-artikolu 8 tal-Kap 319 qed tigi michuda.

***D5. Allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni - Diskriminazzjoni:***

Din il-Qorti sejra tikkwota minn dak li qalet fis-sentenza fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates** (Rikors Nru: 33/06K-FS) deciza fil-5 ta' April, 2011:

'L-intimati rreferew ghal kawza fl-ismijiet **Vassallo *et* vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-16 ta' Awissu 1976 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fejn gie osservat:

'Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-*rule of law* li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: «*it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch* …». Qabel xejn, pero`, ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem "sans

distintion aucune” u fit-test Ingliz “*without discrimination*”, u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: “*In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the may legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted* …”. Dan hu konformi ma’ l-interpretazzjoni ta’ diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe’ l-kuncett ta’ l-ugwaljanza ta’ trattment ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghdha tigi ezaminata. Differenzjazzjoni pero’ biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta’ l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta’ proporzjonalita’ bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat’.

Illi dwar **<u>diskriminazzjoni</u>** din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Enrietta Bianchi *et* vs l-Avukat Generali *et*** deciza fil-15 ta’ Marzu, 2010 [Rikors Nru: 12/08FS] qalet:
‘Ir-rikorrenti trattaw ir-rikors mill-aspett ta’ diskriminazzjoni, u irreferew ll-kawza fl-ismijiet **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn jinghad:
*"The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States*

*treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification"*

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** fejn intqal:
"1. Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici eccetra tal-persuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (Ara "**Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju, 1989, "**Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju, 1984, "**Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et**" - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta' Frar, 1987 u bosta ohrajn)."

Ara wkoll "*Law of the European Convention on Human Rights*" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "*Law and Practice of the European Convention on Human Rights*" - Gomien Harris, *and* Zwack *page* 345 et].

Fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Tonio Borg *et* vs Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17/02/88 (Vol. LXII-I-II-9) insibu:
“Fil-mertu l-Qorti sabet li kien hemm diskriminazzjoni ghad-dannu tar-rikorrenti billi dawn ma kienux inghataw permess jaghmlu l-wirja suggerita meta entitajiet politici ohra nghataw tali permess. Inoltre rrizulta li ma kienx hemm gustifikazzjoni fil-fatti ghal cahda ta' tali permess.”

Ukoll, fil-kawza **Charles Spiteri vs Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet**, deciza fil 5 ta’ Ottubru 1988 (Vol. LXXII-I-II-71) ir-rikorrent kien Ghawdxi impjegat mal-*Public Works*; minn zmien twil l-impjegati tal-Gvern Ghawdxin kellhom koncessjoni li nhar ta' Gimgha jitilqu ftit qabel l-ohrajn minn fuq ix-xoghol u nhar ta' Tnejn jidhlu ftit tard. Wara li ttiehdet azzjoni industrijali mill-impjegati tal-Gvern, lill-impjegati Ghawdxin li obdew id-direttiva ta' l-*unions* giet revokata lilhom din il-koncessjoni. Wara jumejn l-istess koncessjoni regghet giet moghtija lil dawn l-impjegati ad eskluzjoni tar-rikorrent li kien il-President ta' wahda mill-*unions* li hadu azzjoni industrijali. Il-Qorti rriteniet li dan kien jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 42 (1) u 45 (2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u cioe` ksur tad-dritt tieghu tal-liberta` ta' assocjazzjoni u ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni. It-tnehhija tal-koncessjoni fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrent kienet tfixklu fit-tgawdija tad-dritt tieghu ta' liberta` ta' assocjazzoni. Il-kelma "tfixkel" uzata mil-ligi ghandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett.

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi *et noe***, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar 1999 (Vol. LXXXIII-I-1) intqal:
“Mhux kull trattament differenti jarreka vantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi agir diskriminatorju li jammonta ghall-ksur ta' drittijiet fondamentali. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jehtiegilhom ikunu arginati fid-definizzjoni ta' dak il-paragun li hu meqjus li jikkostitwixxi diskriminazzjoni ghall-fini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandhom ukoll jigu skartati konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienu jemanu minn ligijiet ohra, bhal dawk li jirregolaw il-kuntratt ta' impieg adegwat

ghall-ilment tar-rikorrent, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-allegazzjoni li hu kien gie mkecci ingustament mill-post tax-xoghol tieghu.

Il-kostituzzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv il-*grounds* ta' diskriminazzjoni imma wkoll tesigi li jkun jirrizulta dan l-element ta distinzjoni posittiva, materjali u attwali, fit-trattament bejn persuna ta' l-istess deskrizzjoni. Il-pozizzjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija differenti fis-sens li ma hemmx ghalfejn issir il-prova tal-motivazzjoni politika tad-diskriminazzjoni."

Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni dak li jrid jigi ppruvat huwa li l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Galea *noe et* vs Kummissarju tal-Pulizija *et*** deciza fit-22 ta' Jannar 1990 mill-Qorti Kostituzzjonali gie ritenut illi l-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni :
"timporta zewg elementi, u cioe` li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (*in pari condizione*) gie jew kien gie trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari".

Ukoll fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Aquilina u Marianna Aquilina** deciza fit-23 ta' Lulju 2008 inghad:
"Illi biex jigi mistharreg l-ilment taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni l-Qorti jidhrilha xieraq li jinghad li llum il-gurnata huwa stabbilit sewwa li biex jitqies li jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna jehtieg jirrizulta li (a) jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixbahha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat".

Ghalhekk hemm diskriminazzjoni <u>biss</u>

- meta kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti
- u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti."

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma gabu l-ebda prova li huma b'xi mod gew diskriminati abbazi ta' "post ta' origini", anzi l-intimati ippermettew lir-rikorrenti ghal diversi drabi sabiex jirregolarizzaw il-pozizzjoni tagghom f'Malta. Infatti Adal Kaseb u Abouzidan Nadim thallew jibqghu Malta minhabba kumplikazzjoni li allegatament kellha waqt it-tqala u sahansitra thallew hawn Malta ghal xhur shah wara li twieldet it-tarbija sabiex ikunu jsiru l-arrangamenti necessarji da parti tar-rikorrenti sabiex jottjenu l-biljetti ta' l-ajru biex jirritornaw lejn is-Sirja.

Jinghad ukoll li dan l-artikolu ma ghandux ezistenza separata, izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Kostituzzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni. Bil-fatt illi Adal Kaseb tilfet il-*freedom of movement* taghha, ir-rikorrenti ma sofrew ebda diskriminazzjoni izda semplicement il-pozizzjoni taghha bdiet tigi regolata b'ligi li hija applikabbli ghal kull min huwa f'sitwazzjoni bhal taghha. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghalhekk riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tiddikjara li dan ir-rikors mhux frivolu u vessatorju.

Sekondarjament, tilqa' l-eccezzjoni ta' l-inapplikabilita` ta' l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

Tichad it-tielet eccezzjoni li r-rikorrenti ghamlu biss riferenza ghall-allegat ksur tal-Kap 319.

Tilqa' r-raba' eccezzjoni dwar li l-Prim'Ministru, Ministru tal-Gustizzja, Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u l-Avukat Generali m'humiex il-legittimi kontraditturi.

Tilqa' l-hames eccezzjoni li pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Tilqa' s-sitt eccezzjoni li Adal Kaseb ma tistax titqies bhala persuna dipendenti fuq missierha.

Tilqa' l-eccezzjonijiet sebgha (7) sa tnax (12) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Tilqa' l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba dak li nghad taht "D5".

Tilqa' l-erbatax-il eccezzjoni fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghal dak li nghad taht "D4".

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------